**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
LL.B, LL.D, M.A.

**Seduta tal-Gimgha 8 ta' Marzu, 2024**

Kawża Numru: 14/2023 (MPX)

**Concorde International Freight Forwarders Ltd. (C11393)**

**vs**

**Panels Hub – Malta (P1990)**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tas-socjeta` attrici, li permezz tieghu ppremettiet illi hija giet ingaggata mis-socjeta` Panels Hub Malta (P1990) ghal servizz ta' spedjazzjoni ta' merkanzija u local transport, kif jirrizulta mill-fatturi IN080211 u IN080236 annessi u mmarkati bhala Dok 'A' u Dok 'B' rispettivament;

Illi minkejja diversi skambji sabiex l-ammont pretiz jigi mhallas, is-socjeta` intimate baqghet inadempjenti u ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tirrikorri ghal din il-procedura;

Illi l-ammonr dovut lis-socjeta` attrici mis-socjeta` intimate jammonta ghal elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u erbghin centemzu (€1,392.40), u dan skont l-istatement of account annessa u mmarkata bhala Dok 'C'.

Is-socjeta` attrici talbet lil dan it-Tribunal:

1. Jikkundanna lis-socjeta` Panels Hub Malta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u erbghin centezmu (€1,392.40);

2. Jordna lis-socjeta` Panels Hub Malta thallas l-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u erbghin centezmu (€1,392.40).

   Bl-ispejjez.

Ra li minkejja li l-partnership intimate giet debitament notifikata hija baqghet ma rrispondiet l-ebda risposta ghal din il-kawza, u lanqas ma deher rapprezentant taghha sabiex jikkontesta t-talba.

Ra li, ghalhekk, fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2023, il-partnership intimate giet iddikjarata bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

Ra d-dikjarazzjonijiet guramentati ta' Nicholas Xerxen, General Manager fi hdan is-socjeta` attrici, u ta' Joseph Soler, Sales Representative fi hdan l-istess socjeta`.

Ra l-atti processwali kollha.

**Ikkunsidra**

Ghalkemm jirrizulta li l-partnership intimata hija kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja m'hijiex ekwivalenti ghal ammissjoni tat-talbiet attrici. Is-socjeta` attrici, ghalhekk, xorta baqghet taht l-obbligu li tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi fi proceduri civili.

Oltre dak iddikjarat minnu fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, ix-xhud Nicholas Xerxen, jerga' jikkonferma bil-gurament tieghu waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2024, illi l-partnership intimata baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut minnha, ossia dak ta' elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u erbghin centezmu (€1,392.40).

It-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx il-verzjoni moghtija mis-socjeta` attrici, mhux kontradetta, u jqis, ghalhekk, illi t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha. L-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom ukoll ikunu a karigu tal-partnership intimata.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi u l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-partnership konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u erbghin centezmu (€1,392.40), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-partnership konvenuta.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Margaret De Battista
*Assistent Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratu